MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 36/2012

**Christian Micallef**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Christian Micallef tal-10 ta' April 2012 mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 2012 fl-istess ismijiet fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li r-rikors tal-appell tal-appellant Christian Micallef datat 18 ta' Awwissu 2011 sar fuori termine u b'hekk ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datat 28 ta' Lulju 2011 cioe r-rifjut ghall-applikazzjoni maghmula mill-istess Chritian Micallef.

Christian Micallef qed jinvoka l-artikolu 811(d) u (g) tal-Kap. 12 bhala ragunijiet li waslu ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Hu qed jallega pero illi dawn l-artikoli qed jigu invokati ghal dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni tal- Ambjent u l- Ippjanar li ddecieda li t-trading licence tal-fond in kwistjoni hu null u bla effett u dan peress illi t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza jiddeciedi dwar din il-kwistjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li preliminarjament qalet illi l-istitut tar-ritrattazzjoni japplika ghal sentenzi tal-Qorti li tkun tat-is-sentenza u ma jistax jintuza bhala procedura biex tigi attakkata decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw dan ir-rikors.

**Ikkunsidrat**

Dan ir-rikors hu intiz bahla mezz straordinarju u eccezzjonali kontra decizjoni li minnha tkun qed issir din il-procedura. Is-sentenza li minnha qed tintalab ir-ritrattazzjoni hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Frar 2012, tant hu hekk illi dan ir-rikors sar entro t-tlett xhur permessi mill-ligi biex tittiehed tali procedura. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell iddecidiet biss illi l-appell sar fuori termine u dan hu biss dak li seta’ jigi attakkat b’din il-procedura.

Invece Christian Micallef qed jattakka mhux dan id-decide izda d-decizjoni tat- Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar f’dik il-parti li llum marret in gudikat. Kwindi kull konsiderazzjoni fil-mertu quddiem il-Qorti tal-Appell mid-decizjoni tat-Tribunal, u aktar u aktar, quddiem din l-istess Qorti qua ritrattazzjoni mill-istess sentenza tal-appell hi ghal kollox irrelevanti u barra minn lokha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors ta’ ritrattazzjoni ta’ Christian Micallef billi tichdu ghax is-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ebda mod ma qed tigi attakkata b’din il-procedura. Bl-ispejjez kontra ir-ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------